MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Numru. 541/2002

PULIZIJA
SPETTUR ROBERT GREGORY
VS
KARMENA GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Karmena Galea ta’ 56 sena imwielda Hal Kirkop nhar is-27 ta’ Awissu 1946 bint Leonardo Callus u Filomena nee Muscat, residenti Four Leaved Clover, Triq il-Mensija, San Gwann detentrici tal-karta tal-identita numru 0782546M talli f’dawn il-gzejjer nhar il-15 ta’ Gunju 2002 ghal habta ta’ 10am gewwa il-post maghruf Triq Mensija San Gwann ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta’ Theresa Borg minn San Gwann kif iccertifika Dr M Grixti MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, u dan aggravat billi l-offiza saret fuq persuna li tkun ghalqet l-eta ta’ sittin sena, ai termini tal-artikolu 221(1) u 222A, tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess, data, lok, u cirkostanzi hebb ghall-istess Theresa Borg minn San Gwann sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmillha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann volontarjament kisret il-bon ordni u il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw li jaghzlu li ma jixhdux kontra xulxin biex ma jinkriminawx ruhhom, u qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali

L-imputata tobbliga ruhha li bl-ebda mod la direttament u l-anqas indirettament ma timmolesta lil Theresa Borg.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawriet.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------